



Brussell, 14 ta' Jannar 2025
(OR. en)

5035/25

LIMITE

ECOFIN 28
UEM 27

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fl-Italja

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fl-Italja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 126(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 126 TFUE, l-Istati Membri għandhom jevitaw defiċits eċċessivi tal-gvern.
- (2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huwa bbażat fuq l-oġjettiv ta' finanzi governattivi sodi u bħala mezz biex jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir b'saħħtu, sostenibbli u inklużiv mirfud minn stabbiltà finanzjarja, u b'hekk jappoġġa li jintlaħqu l-oġjettivi tal-Unjoni għal tkabbir u impjiegi sostenibbli.
- (3) Fit-30 ta' April 2024 daħal fis-seħħ il-qafas riformat ta' governanza ekonomika tal-UE. Il-qafas jinkludi r-Regolament (UE) 2024/1263¹ tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97. Huwa jinkludi wkoll ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1264 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97² dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv, kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1265³ tad-29 ta' April 2024 li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri.
- (4) Fis-26 ta' Lulju 2024, il-Kunsill iddeċieda, f'konformità mal-Artikolu 126(6) TFUE, li kien jeżisti defiċit eċċessiv fl-Italja minħabba nuqqas ta' konformità mal-kriterju tad-defiċit⁴.

¹ ĠU L, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj>.

² ĠU L 209, 2.8.1997, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1997/1467/2024-04-30>.

³ ĠU L, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1265/oj>.

⁴ ĠU L, 1.8.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2124/oj>.

- (5) L-Artikolu 126(7) TFUE u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 jirrikjedu li l-Kunsill jadotta rakkomandazzjoni indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv f'perjodu stabbilit. F'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97, dik ir-rakkomandazzjoni hija wkoll biex tistabbilixxi skadenza massima ta' sitt xhur għal azzjoni effettiva li għandha tittieħed mill-Istat Membru kkonċernat biex jikkoreġi d-defiċit eċċessiv, li tista' titnaqqas għal tliet xhur meta l-livell ta' gravità tas-sitwazzjoni jkun jiġġustifikaha. Barra minn hekk, fir-rakkomandazzjoni tiegħu, il-Kunsill għandu jirrakkomanda lill-Istat Membru jimplimenta perkors tan-nefqa netta korrettiv⁵, li jiżgura li d-defiċit tal-gvern estiż jinġieb u jinżamm taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG sal-iskadenza stabbilita f'dik ir-rakkomandazzjoni. Meta l-proċedura ta' defiċit eċċessiv tkun infetħet fuq il-bażi tal-kriterju tad-defiċit, il-perkors tan-nefqa netta korrettiv għandu jkun konsistenti ma' aġġustament strutturali annwali minimu ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG bħala parametru referenzjarju għas-snin meta d-defiċit tal-gvern estiż ikun mistenni jaqbeż il-valur referenzjarju. Meta tkun qed tistabbilixxi l-perkors korrettiv propost għal dawk is-snin il-Kummissjoni tista', matul perjodu ta' tranżizzjoni fl-2025, fl-2026 u fl-2027, taġġusta l-parametru referenzjarju biex tqis iż-żieda fil-pagamenti tal-imgħax, f'konformità mal-premessa 23 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1264.

⁵ Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2024/1263, "nefqa netta" tfisser in-nefqa tal-gvern, netta min-nefqa fuq l-imgħax, mill-miżuri tad-dħul diskrezzjonali, min-nefqa fuq programmi tal-Unjoni ffinanzjati bis-sħiħ mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni, min-nefqa nazzjonali fuq il-kofinanzjament ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni, mill-elementi ċikliċi tan-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad, u minn miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra.

- (6) Fid-dawl tas-sottomissjoni tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju f'konformità mal-Artikoli 11 u 36(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2024/1263, id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 2024 ikkunsidrat li l-pass li jmiss fil-proċedura ta' defiċit eċċessiv, jiġifieri r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) TFUE dwar il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, isir flimkien mal-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 473/2013. Dan l-approċċ jippermetti li tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti baġitarji skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv u l-perkors ta' aġġustament stabbiliti fil-pjanijiet fiskali strutturali fuq terminu medju. Din l-iskeda ta' żmien u l-qsim tad-deċiżjonijiet skont l-Artikolu 126(6) u l-Artikolu 126(7) huma eċċezzjonali u marbuta mat-tranżizzjoni għall-qafas il-ġdid, u għalhekk ma jistabbilixxux preċedent.
- (7) Fl-2023, il-PDG reali fl-Italja żdied b'0,7 %. Skont it-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea, l-ekonomija mistennija tikber b'0,7 % fl-2024, bis-saħħa ta' investment li qed jespandi u esportazzjonijiet netti pożittivi filwaqt li jistaġna l-konsum privat. Fl-2025, il-PDG reali huwa mistenni li jiżdied b'1,0 %, hekk kif jiżdied il-konsum. Ir-rata tal-qgħad mistennija tilħaq 6,8 % fl-2024 u 6,3 % fl-2025. L-inflazzjoni mistennija tonqos minn 5,9 % fl-2023 għal 1,1 % fl-2024 u tiżdied mill-ġdid għal 1,9 % fl-2025.
- (8) Skont id-data vvalidata mill-Eurostat fit-22 ta' Ottubru 2024⁶, fl-2023 id-defiċit tal-gvern estiż fl-Italja kien ta' 7,2 % tal-PDG. It-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea jipprojetta defiċit tal-gvern estiż ta' 3,8 % tal-PDG fl-2024 u 3,4 % tal-PDG fl-2025, u b'hekk oġhla mill-valur referenzjarju fis-sentejn li huma. Id-defiċit strutturali huwa pprojetat għal 4,3 % tal-PDG fl-2024 u huwa mistenni li jonqos b'0,5 punti perċentwali fl-2025.
- (9) Fi tmiem l-2023, id-dejn tal-gvern estiż kien ta' 134,8 % tal-PDG. Skont it-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea, huwa pprojetat li jiżdied għal 136,6 % tal-PDG fi tmiem l-2024 u 138,2 % tal-PDG fi tmiem l-2025, u b'hekk jibqa' aktar mill-valur referenzjarju ta' 60 % tal-PDG.

⁶ L-Indikaturi tal-Euro tal-Eurostat ippubblikati fit-22 ta' Ottubru 2024. Ara: <https://ec.europa.eu/eurostat/en/web/products-euro-indicators/w/2-22102024-AP>.

- (10) Fl-15 ta' Ottubru 2024, l-Italja ppreżentat l-ewwel pjan fiskali-strutturali nazżjonali fuq terminu medju tagħha, f'konformità mal-Artikoli 11 u 36(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2024/1263. Il-pjan ikopri l-perjodu 2025-2029 u jippreżenta aġġustament fiskali mifruq fuq seba' snin. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazżjonali fuq terminu medju tal-Italja għas-snin 2025 sa 2029 u li tapprova sett ta' riformi u impenji ta' investiment fil-pjan li jirfed estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament, tirrakkomanda perkors tan-nefqa netta li jqis ir-rekwiżiti kollha meħtieġa għal perkors korrettiv u għandu jġi rrakkomandat bħala l-perkors tan-nefqa netta korrettiv skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Għaldaqstant, il-perkors tan-nefqa netta korrettiv huwa konsistenti ma' aġġustament strutturali annwali minimu ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG bħala parametru referenzjarju għas-snin meta d-defiċit tal-gvern estiż ikun mistenni li jaqbeż il-valur referenzjarju, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1467/97.
- (11) Fuq il-bażi tal-perkors tan-nefqa netta, bħala l-unika referenza operazzjonali tal-monitoraġġ tal-konformità, li huwa stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-pjan tal-Italja u f'din ir-rakkomandazzjoni, u fuq il-bażi tat-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea, id-defiċit tal-gvern estiż mistenni li jonqos minn 3,8 % tal-PDG fl-2024 għal 2,9 % sal-2026. Bl-istess mod, fuq il-bażi tas-suppożizzjonijiet tal-pjan, fl-2026 id-defiċit ser ikun taħt il-valur referenzjarju tad-defiċit ta' 3 %.
- (12) Fuq il-bażi tal-perkors tan-nefqa netta korrettiv li għandu jġi rrakkomandat, il-qafas tal-projezzjoni tad-dejn tal-gvern fuq terminu medju tal-Kummissjoni Ewropea, u t-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea, id-dejn tal-gvern estiż ser jiżdid minn 136,6 % tal-PDG fi tmiem l-2024 għal madwar 140 % fl-2026.

- (13) Il-miżuri ta' konsolidazzjoni baġitarja għandhom jiżguraw korrezzjoni dejjiema tad-defiċit eċċessiv, filwaqt li jkunu mmirati lejn it-titjib tal-kwalità u l-għamla tal-finanzi pubbliċi, il-ħarsien tal-investiment u t-tiġid tal-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija. Ir-riformi ta' natura fiskali u ekonomika usa' (inklużi r-riformi li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament, kif speċifikat fl-Anness II tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-pjan fuq terminu medju tal-Italja⁷), għandhom itejbu l-potenzjal tat-tkabbir u tar-reżiljenza tal-ekonomija b'mod sostenibbli, u jappoġġaw is-sostenibbiltà fiskali.
- (14) Il-Kunsill jieħu nota li l-metodoloġija preċiża għall-valutazzjoni ta' azzjoni effettiva fil-kuntest tal-qafas fiskali l-għdid għadha ma ġietx elaborata bis-sħiħ u għalhekk iqis li diskussjoni f'waqtha dwar il-metodoloġija hija ġġustifikata.
- (15) F'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament 1467/97, deċiżjoni tal-Kunsill biex titħassar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv għandha tittieħed biss skont l-Artikolu 126(12) TFUE meta d-defiċit ikun tniżżel taħt il-valur referenzjarju u jkun ipprojettat mill-Kummissjoni li jibqa' hekk fis-sena attwali u dik ta' wara.

⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Italja, 26.11.2024, COM (2024) 718 final.

B'DAN JIRRAKKOMANDA:

1. L-Italja għandha tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa netta ma taqbiżx il-massimi stabbiliti fl-Anness I.
2. Għaldaqstant, l-Italja għandha ttemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv sal-2026.
3. Il-Kunsill jistabbilixxi l-iskadenza tat-30 ta' April 2025 biex l-Italja tiegħu azzjoni effettiva u tippreżenta l-miżuri meħtieġa flimkien mar-rapport ta' progress annwali tagħha tal-2025, li għandu jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2024/1263. Minn hawn 'il quddiem, l-Italja għandha tirrapporta dwar il-progress li jsir fl-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni mill-inqas kull sitt xhur, sakemm id-defiċit eċċessiv ikun ikkoreġut.

Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Italja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

Rati massimi ta' tkabbir nominali tan-nefqa netta
(rati ta' tkabbir annwali u kumulattivi, f'termini nominali)

L-Italja

Snin		2025	2026
Rati ta' tkabbir (%)	Annwali	1,3	1,6
	Kumulattiv*	-0,7	0,9

* Ir-rati ta' tkabbir kumulattivi huma kkalkolati b'referenza għas-sena bażi tal-2023.